**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Novembru 2020**

Rikors Numru: 269/20 AL

A B

vs

C D B

Rat ir-rikors illi ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iż-żwieġ tagħhom fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elf disgħa mija tnejn u tmenin (1982) fis-Santwarju ta' Santa Teresa f' Birkirkara u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok A;

2. Peress illi min dan iż-żwieġ twieldu tlett itfal u ċioe E B, F B u G B li llum huma kollha maġġorenni.

3. Peress illi l-partijiet ilhom aktar minn erbgħa (4) snin illi sseparaw minn ma xulxin u ċioe' mis-sena 1994;

4. Peress illi l-partijiet huma domiċiljati f’ Malta u ħadd minnhom ma huwa rikjest sabiex jgħaddi manteniment;

5. Peress li ma hemm ebda possibilita ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba’ (4) snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Talab lill-intimata prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni tgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja d-divorzju tal-partijiet u tordna illi wara li jgħaddi ż-żmien utli skont il-Liġi, kopja tad-Digriet relattiv tiġi kkomunikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jiġi debitament reġistrat skont il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata inġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 21 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi l-esponenti ġiet notifikata bir-rikors għall-ħall taż-żwieġ fl-ismijiet fuq premessi u konformement mad-digriet ta’ din il-Qorti tal-31 t’ Awwissu 2020 qiegħda tressaq l-odjerna risposta, kif ġej:

   i. Illi l-esponenti taqbel mal-premessi esposti mir-rikorrenti salv għall-fatt li mhuwiex minnu li l-kontendenti kellhom tlett ulied u dan billi b’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 t’ April 2002 (Dok. A) ġie dikjarat li iben l-esponenti-G fil-verita huwa iben ċertu H I u mhux iben l-attur odjern;

   ii. Illi l-esponenti taqbel mal-attur illi m’hemm ebda prospett għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

   iii. Illi l-esponenti taqbel illi m’hemm ebda arretrati ta’ manteniment dovuti bejniethom;

   iv. Illi fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, dawn għandhom jitħallsu miż-żewġ partijiet b’mod ġust bejniethom;

v. Illi l-esponenti tixtieq f'dan l-istadju tipprevalixxi ruħha mill-jedd illi tirreverti għal-kunjomha ta' xebba, ossia J, u titlob lil dina l-Qorti sabiex tagħmel dikjarazzjoni f'dan is-sens fis-Sentenza tagħha.

vi. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponent taderixxi mat-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti tordna l-ħall ta' dan iż-żwieġ. In sostenn tas-suespost, l-esponenti qed tippreżenta wkoll affidavit tagħha (Dok. B)

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 t'Awwissu, 2020;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat illi l-intimata talbet illi tirriverti għal kunjom xbubitha ossia Farrugia, il-Qorti fl-ewwel lok tilqa' din it-talba u tordna notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku għall-azzjoni meħtieġa;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-sena 1994;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll it-talba li ġiet milqugħha tal-intimata biex tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe' Farrugia u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provedimenti kollha meħtieġa f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.